MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Kompetenza Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-30 ta' Settembru, 2020

Appell Inferjuri Numru 15/2018 LM

**DIS Equipment Rental Limited**
*(l-appellata)*

***vs*.**

**Paul Muscat għan-nom u in rappreżentanza ta'**
**'Confirma Joint Venture' u 'Caravaggio Joint Venture'**
**u s-soċjetà Kooperativa Recoop - 'The Restoration and Conservation Co-Operative Limited' (Soċjetà Kooperativa Numru 81)**
*(l-appellanti)*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mill-intimati **Paul Muscat għan-nom u in rappreżentanza ta' 'Confirma Joint Venture'** u **'Caravaggio Joint Venture'** u **s-soċjetà Kooperattiva Recoop - 'The Restoration and Conservation Co-**

**Operative Limited'** [minn issa 'l quddiem "l-appellanti"] minn lodo arbitrali mogħti fl-Arbitraġġ numru 3278/2012 fil-15 ta' Novembru, 2017, [minn issa 'l quddiem "id-deċiżjoni appellata"], mit-Tribunal tal-Arbitraġġ [minn issa 'l quddiem "it-Tribunal"] fiċ-Ċentru dwar l-Arbitraġġ ta' Malta [minn issa 'l quddiem "iċ-Ċentru"], li permezz tiegħu ddeċieda billi ddikjara:

*"56. Għal dawn il-motivi dan it-tribunal:*

- *Fl-ewwel lok, referibilment għat-talba tar-rikorrenti indikata fl-*istatement of claim *(li fil-mori tal-arbitraġġ din ġiet ridotta għall-ammont ta' €248,106.09), jilqa' l-istess talba limitatament għas-somma likwidata ta'****€174,590.93*** *(mija u erba' u sebgħajn elf ħames mija u disgħajn Ewro u tlieta u disgħajn ċenteżmu) u filwaqt li jikkundanna l-intimati li jħallsu lir-rikorrenti din l-istess somma, jiċħad l-istess talba in kwantu teċċedi l-imsemmija somma ta' €174,590.93;*

- *Fit-tieni lok, jordna li fuq l-imsemmija somma ta' €174,590.93 likwidata favur ir-rikorrenti jiddekorru l-interessi bir-rata ta' 8% (tminja fil-mija) mid-data ta' din id-deċiżjoni sal-effettiv pagament;*

- *Fit-tielet lok, rigward il-kap tal-ispejjeż konnessi mat-talba tar-rikorrenti, fid-dawl tar-rispettiv rebħ u telf tal-kontendenti referibilment għall-istess talba, dan it-Tribunal jordna l-ispejjeż kollha jitħallsu kwantu għal 63% (tlieta u sittin fil-mija) mill-intimati u kwantu għal 37% (seba' u tletin fil-mija) mir-rikorrenti, u dana skont taxxa uffiċjali maħruġa miċ-Ċentru tal-Arbitraġġ annessa hawn bħala Dok A, li għandha titqies li tifforma parti integrali minn din id-deċiżjoni;*

- *Fir-raba' lok, referibilment għal-kontro-talba tal-intimati jiċħad it-talbiet kollha fiha kontenuti; u*

- *Fil-ħames lok, rigward il-kap tal-ispejjeż konnessi mal-kontro-talba tal-intimati, dan it-Tribunal jordna li l-ispejjeż kollha relattivi jitħallsu mill-intimati u dana skont taxxa uffiċjali maħruġa miċ-Ċentru tal-Arbitraġġ annessa hawn bħala Dok A li għandha titqies li tifforma parti integrali minn din id-deċiżjoni."*

**Fatti**

2. Il-fatti ta' dawn l-proċeduri jirrigwardaw kuntratt ta' appalt iffirmat fil-21 ta' Diċembru, 2011, minn Paul Muscat għan-nom u in rappreżentanza ta' 'Confirma Joint Venture' u 'Caravaggio Joint Venture' u minn Daniel Farrugia għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà intimata **DIS Equipment Rental Limited** [minn issa 'l quddiem "is-soċjetà appellata"].

**Mertu**

3. Is-soċjetà appellata intavolat proċeduri fiċ-Ċentru permezz tal-preżentata ta' *Notice of Arbitration* u *Statement of Claim* fit-8 ta' Ottubru, 2012, għall-ħlas tas-somma pretiża ta' €276,106.09 (mitejn sitta u sebgħin elf mija u sitt Euro u disa' ċenteżmi) rappreżentanti bilanċ għal servizzi reżi lill-appellanti relatati ma' armar, żarmar, kiri ta' *scaffolding*, u *extra works* fir-rigward ta' xogħlijiet li saru fuq swar fil-Birgu u fil-Belt Valletta, u dan flimkien mal-imgħaxijiet u l-ispejjeż, inklużi dawk tal-mandat ta' sekwestru numru 1377/2012. Wara li Daniel Farrugia xehed fis-seduta tal-15 ta' Diċembru, 2015, li l-imsemmi ammont reklamat ma kienx korrett, it-talba tas-soċjetà appellata ġiet ridotta għas-somma ta' €248,106.09 (mitejn tmienja u erbgħin elf mija u sitt Euro u disa' ċenteżmi).

4. L-appellanti kkontestaw t-talba tas-soċjetà appellata bi *Statement of Defence* ippreżentat fit-23 ta' Novembru, 2012, fejn *inter alia* ssottomettew: (a) preliminarjament, li ma kien hemm l-ebda relazzjoni ġuridika bejn is-soċjetà

appellata u Paul Muscat għan-nom u in rappreżentanza tas-**soċjetà Kooperativa Recoop - 'The Restoration and Conservation Coop Ltd'** [minn issa 'l quddiem "il-Kooperativa Recoop"] u għalhekk kellha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju; u (b) fil-mertu, it-talba kienet manifestament infondata fil-fatt u fid-dritt u kellha tiġi miċħuda, bl-ispejjeż kontra s-soċjetà appellata.

Paul Muscat limitatament għan-nom u in rappreżentanza ta' 'Confirma Joint Venture' u 'Caravaggio Joint Venture', ippreżenta kontrotalba fejn talab lit-Tribunal sabiex (a) jiddikjara li s-soċjetà appellata kienet naqset mill-obbligazzjoni tagħha sabiex teżegwixxi x-xogħlijiet fiż-żmien stipulat fil-kuntratt ta' bejniethom iffirmat fil-21 ta' Diċembru, 2011, u li s-soċjetà appellata kienet unikament responsabbli għal mill-inqas 132 ġurnata ta' dewmien fl-eżekuzzjoni ta' dawk ix-xogħlijiet; (b) jiddikjara li s-soċjetà appellata kienet dovuta tħallas penali ta' €500 għal kull jum li hija kienet tard f'tali eżekuzzjoni sa massimu ta' €52,000, u dan skont il-klawsola 6.3 tal-imsemmi kuntratt; (ċ) jiddikjara li s-soċjetà appellata kellha tħallas lill-istess Paul Muscat fil-kwalità tiegħu msemmija s-somma ta' €52,000 rappreżentanti danni skont l-istess klawsola; (d) jiddikjara li s-soċjetà appellata kienet naqset fl-obbligu tagħha sabiex teżegwixxi xogħlijiet oħra skont l-imsemmi kuntratt b'danni riżultanti lill-imsemmi Paul Muscat fil-kwalità tiegħu premessa; (e) jiddikjara li s-soċjetà appellata kienet responsabbli għal dawk id-danni; (f) jillikwida s-somma dovuta rappreżentanti d-danni sofferti; (ġ) jikkundanna lis-soċjetà appellata tħallas id-danni hekk likwidati, bl-imgħaxijiet skont il-liġi sad-

data tal-pagament effettiv, u anki bl-ispejjeż inklużi dawk tal-mandat kawtelatorju ppreżentat kontestwalment.

Is-soċjetà appellata wieġbet billi qalet li hija kienet ottemporat ruħha mal-obbligi tagħha skont il-kuntratt iffirmat bejniethom, filwaqt li kienet il-parti l-oħra li kienet naqset mill-obbligi tagħha, u għalhekk talbet lit-Tribunal sabiex jiċħad il-kontrotalba.

**Id-deċiżjoni appellata**

5. It-Tribunal wasal għad-deċiżjoni appellata wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet rilevanti għal dan l-appell:

***"Dwar jekk it-talba tal-intimati li s-soċjetà Kooperativa Recoop - "The Restoration and Conservation Coop Ltd."- tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju, hijiex jew le ġustifikata.***

*7. L-intimati qiegħdin jitolbu li s-soċjetà Kooperativa Recoop - "The Restoration and Conservation Coop Ltd."- tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju billi ma hijiex leġittima kontradittrici għat-talbiet tar-rikorrenti, għaliex ma hemm l-ebda relazzjoni ġuridika bejnha u bejn ir-rikorrenti kif jirriżulta mill-kuntratt. Mal-ewwel daqqa t'għajn lejn il-kuntratt, wieħed mill-ewwel jinduna li l-partijiet kontraenti kienu min-naħa waħda, Paul Muscat li deher għan-nom u in rappreżentanza ta' "Confirma Joint Venture" u "Caravaggio Joint Venture" u min-naħa l-oħra Daniel Farrugia li deher fuq il-kuntratt għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà "DIS Equipment Rental Limited". Għalhekk, jidher li s-soċjetà Kooperativa Recoop - "The Restoration and Conservation Coop Ltd", ma tirraffigurax bħala parti fuq il-kuntratt in kwistjoni. Madanakollu, kif sejjer jingħad aktar 'il quddiem, din l-aħħar imsemmija soċjetà tirraffigura bħala parti integrali miż-żewġ Joint Ventures imharrkin f'dan l-arbitraġġ.*

*8. Minn eżami tad-dokumenti PM 1 u PM 2 (iz-zewġ memoranda of Agreement li saru f'Marzu 2009 u li bihom ġew rispettivament kostitwiti il-Confirma Joint Venture*

*u l-Caravaggio Joint Venture) jirriżulta li t-tlett partijiet firmatarji tal-Confirma Joint Venture u tal-Caravaggio Joint Venture huma żewġ soċjetajiet reġistrati fl-Italja, jiġifieri l-Cooperativa Archeologia u l-Consorzio Toscano Cooperative - CTC Soc. Coop u s-soċjetà kooperativa reġistrata f'Malta, Re Coop - The Restoration and Conservation Coop Ltd. Jintqal fid-dokumenti PM 1 u PM 2 li dawn iż-żewġ Joint Ventures huma regolati mil-liġi Maltija, iżda jirriżulta li huma ma ġewx reġistrati mal-Awtoritajiet Maltin. Johroġ minn dan il-fatt, li l-istess Joint Ventures m'humiex persuni ġuridiċi u allura huma ma għandhomx personalità ġuridika distinta u separata mill-partijiet li ħolquhom. Madanakollu, huma jgawdu għarfien limitat u jgawdu setgħat legali limitati biex jiksbu l-għan specifiku li għalih ġew kostitwiti. Il-liġi tagħtihom is-setgħa li jimpjegaw persuni u kuntratturi biex jipprovdu servizzi li jkollhom bzonn, iżda dan strettament biex jinkisbu l-għanijiet espressi tal-organizzazzjoni. Skont il-liġi, huma għandhom ukoll il-fakoltà li jħarrku f'isimhom stess u wkoll li jiġu mħarrka f'isimhom stess u inoltre jistgħu ikunu parti f'kuntratt ukoll f'isimhom stess.*

*9. Minn eżami tad-dokumenti PM 1 u PM 2 jirriżulta wkoll li dawn iż-żewġ kuntratti kkrejaw żewġ organizzazzjonijiet, imsejjħa Joint Ventures, bl-oġġettiv u l-għan specifiku li kull wahda minnhom tkun tista' tikkonkorri għat-*tender *dwar appalti partikulari, maħruġa mid-Dipartiment tal-Kuntratti u biex, f'każ li tintgħazel, tkun f'pożizzjoni li effettivament tesegwixxi l-appalt in kwistjoni. L-istess żewġ kuntratti jirregolaw ir-relazzjonijiet legali bejn l-organizzazzjoni stess u d–Dipatiment tal-Kuntratti, kif ukoll ir-relazzjonijiet reċiproċi bejn it-tlett partijiet firmatarji, imma dan jagħmluh dejjem fil-kuntest tal-appalt li setgħu jidħlu għalih mad-Dipatiment tal-Kuntratti. Dan tal-aħħar jissemma fid-dokumenti PM 1 u PM 2 bħala l-*"employer"*. Għandu jiġi notat li t-tlett partijiet firmatarji hemm indikati, inter alia, ddikjaraw specifikatament hekk, fil-konfront tad-Dipartiment tal-Kuntratti:* "Joint and Several Liability The Three Parties shall be jointly and severally bound to the employer for the fulfilment of the terms of the Contracts. Nevertheless each of the Three Parties shall separately hold harmless and indemnify the other Parties of the Joint Venture for any liability to be sustained by such other parties in terms of the Contracts as a result of any fault or default attributable to a specific party."

*Issir riferenza hawn għall-verbal li sar mid-Difensur tal-intimati fis-seduta tad-19 ta' Frar 2014 fejn irrefera għall-"prassi tal-banek li kull fejn ikun hemm sekwestru li jaffetwa* joint venture*, il-partijiet kollha ta' dik il-*joint venture *jispiccaw ikollhom l-kontijiet tagħhom imblukkati mill-banek". Din il-prassi, kif ukoll id-dikjarazzjoni tat-tlett partijiet firmatarji taż-żewġ* Joint Ventures *imsemmija fl-aħħar parti tal-paragrafu preċedenti, jidhru li huma konformi mal-pożizzjoni legali espressa fil-ktieb*

*"An introduction to Maltese Financial Services Law" referibiment għal certi obbligi li jkollhom il-firmatarji ta' organizzazzjoni m'hiex reġistrata, bħal ma huma l-*Joint Ventures *li ġew imħarrkin f'dan l-arbitraġġ:* "What we have is an entity which cannot be recognized as the organization it purports to be, but it may carry out certain acts and have certain legal impacts. Effectively what the law does by admitting this possibility is favour the validity of legal acts within limited parameters rather than treating such acts as invalid. This is consistent with the approach taken by the Companies Act in Article 78. This is done however on the basis of the fact that the persons carrying out such acts are personally liable in all such matters – almost as though they acted in their own name but not quite because there is an intervening legal transaction: the signing of an agreement establishing an organization which could be registered but is not." *Dan it-Tribunal jikkondividi dan l-insenjament li neċessarjament jimplika Ii fil-kontest tal-kuntratt tal-21 ta' Diċembru 2011, is-soċjetà Recoop - The Restoration and Conservation Coop Ltd. għandha titqies personalment obbligata - flimkien mal-Cooperativa Archeologia u l-Consorzio Toscano Cooperative - CTC Soc. Coop lejn ir-rikorrenti. Huwa veru li din l-aħħar imsemmija soċjetà ma tidherx direttament bħala parti fuq il-kuntratt, iżda wieħed irid jiftakar li fl-obbligazzjonijiet kummerċjali, jekk ma jkunx hemm ftehim kuntrarju, li l-kondebituri huma preżunti obbligati* in solidum*.*

*10. Għalhekk, fil-fehma ta' dan it-Tribunal, is-soċjetà Recoop - The Restoration and Conservation Coop Ltd setgħet, korrettement, tiġi mħarrka mir-rikorrenti. Madanakollu, għal dak li jikkonċerna r-relazzjonijiet interni bejn it-tlett firmatarji tal-*Joint Ventures*, kull wieħed minnhom għandu ovvjament iġorr ir-responsabilità tiegħu skont kif stipulat fid-Dokumenti PM1 u PM2. Isegwi li fid-dawl ta' dak spjegat aktar 'l fuq, effettivament teżisti relazzjoni ġuridika bejn ir-rikorrenti u bejn is-soċjetà Recoop u għalhekk it-talba tal-intimati li s-soċjetà Kooperativa Recoop - "The Restoration and Conservation Coop Ltd." - tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju ma hijiex ġustifikata u ma tistax tintlaqa'.*

***Taqsima B***

***Dwar il-kwistjonijiet konnessi mad-digriet interlokutorju mogħti minn dan it-Tribunal fit-3 ta' April 2014 u l-atti l-oħra kollha relattivi li segwewh***

*11. Fis-seduta tat-3 ta' April 2014 ġie reġistrat dan il-verbal mid-difensur tal-intimati, Dr Naudi:*

"Fid-dawl ta' dak li rriżulta f'din is-seduta u senjatament tal-email mibgħuta minn Ms Elizabeth Galea għan-nom ta' Daniel Farrugia, jidher ċar li s-soċjetà rikorrenti

ġiet debitament avżata bil-verbal u l-minuti tal-aħħar seduta. Billi l-arbitraġġ tħalla għas-seduta tal-lum biex is-soċjetà DIS Equipment Rental Ltd tipproduċi l-provi kollha tagħha dwar l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-intimat kif ukoll biex l-istess soċjetà tressaq il-provi tagħha dwar il-pretensjoni tagħha, u billi l-istess soċjetà rikorrenti naqset li tagħmel dan, għax għal tal-inqas it-tielet darba, is-soċjetà DIS jew ir-rappreżentant tagħha ma' tfaċċatx għal dan l-arbitraġġ, Dr Naudi qiegħed jitlob li jiġi iddikjarat li s-soċjetà rikorrenti għalqet il-provi kollha tagħha dwar l-eċċezzjoni preliminari kif ukoll dwar il-pretensjoni tagħha fl-istatement of claim u li l-arbitraġġ jitħalla biex l-intimat nomine jagħmel il-provi kollha tiegħu dwar il-kontro talba". *Dan it-Tribunal, seduta stante, ta dan id-digriet:*

"L-Arbitru, wara li ha konjizzjoni ta' din it-talba kif verbalizzata f'din is-seduta minn Dr Antoine Naudi għas-soċjetà intimata, u wara li ra l-Artikolu 40 (2) tal-Att dwar l-Arbitraġġ, jilqa' l-istess talba u jiddikjara li l-provi tas-soċjetà rikorrenti dwar l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-intimat kif ukoll dwar il-pretensjoni tagħha ġew magħluqa u dan billi rriżulta sodifaċentement li din is-soċjetà ingħatat biżżejjed opportunità li tipproducihom, iżda hija naqset li tagħmel dan u ma tat l-ebda raġuni sufficjentement valida skont il-liġi għal dan in-nuqqas".

*12. Fil-11 ta' Mejju 2015 ir-rikorrenti ppreżentat rikors li bih talbet ir-revoka* contrario imperio *tal-imsemmi digriet tat-3 t'April 2014 limitatament billi tinagħta l-opportunità li tressaq il-provi kemm dwar l-ewwel eccezzjoni preliminari u kemm ukoll dwar il-pretensjoni tagħha u dan taht dawk il-provvedimenti kollha li jidhru xierqa u opportuni. L-intimati opponew din it-talba b'risposta ppreżentata fis-26 ta' Mejju 2015, kemm mill-aspett proċedurali u kemm ukoll mill-aspett ta' meritu.*

*13. B'digriet mogħti fit-13 t'Awwissu 2015 dan it-Tribunal, wara li caħad l-oppożizzjoni li saret mill-intimati mill-aspett proċedurali, kompla jipprovdi hekk dwar dan l-incident:*

"Dwar il-meritu, ir-rikorrenti qed isostni li huwa sab ruhu fl-imposibilità li jinkariga fi żmien raġonevoli avukat biex jassistih f'dan l-arbitraġġ għaliex sab ruhu fl-impossibilità li jottjeni fi żmien utili r-rilaxx neċessarju mingħand l-Avukat li kien qed jippatroċinah precedentement.

Għalkemm jista' jeżisti dubbju dwar kemm huwa verament konvinċenti dana l-argument tar-rikorrenti, dan it-Tribunal lest li jagħti il-benefiċċju tad-dubbju lir-rikorrent wara li ħa in konsiderazzjoni ċ-ċirkostanzi kollha li jemerġu mill-atti kollha tal-proċess u senjatament:

- Li l-assenza tar-rikorrent u tal-avukat tiegħu ma impediex li l-arbitraġġ jipproċedi billi ġie applikat l-artikolu 40 (2) tal-Kap 387;
- Li wara li r-rikorrent beda jiġi assistit minn Dr Galea, s-seduti tmexxew b'ritmu normali u b'mod sodisfacenti;
- Li wara li anke Dr Galea irrinunzja għall-patroċinju tar-rikorrenti fis-27 ta' Mejju 2015, l-istess rikorrenti rnexxielu jottjeni r-rilaxx neċessarju minngħand l-Avukat Galea f'qasir żmien biex mill-ewwel seta' jinkariga Avukat ieħor biex jassistih, kif fil-fatt għamel.

Għaldaqstant it-talba tar-rikorrenti kif magħmula fir-rikors ippreżentat fil-11 ta' Mejju 2015 qiegħdha tintlaqa', b'intiża ċara li seduti miftehma u ffissati ma jitħassrux, ħlief għal raġunijiet serjissimi u validi skont il-liġi. Inoltre it-Tribunal qed jakkolji t-talba tar-rikorrenti, taħt is-segwenti kondizzjonijiet:

1. Li huwa jottempera ruhu mal-Fee Order li inħareġ fis-27 ta' Mejju 2015 mhux aktar tard minn hames (5) tijiem min-notifika ta' dan id-digriet;

2. Li permezz ta' nota, ippreżentata fir-Reġistru taċ-Ċentru mhux aktar tard mill-15 ta' Settembru 2015, ir-rikorrent jippreżenta:

a. Prospett dettaljat li juri kif hi magħmula l-pretensjoni tiegħu ammontanti għal €276,106.09;

b. Id-dokumenti kollha disponibbli għalih li jikkoraboraw l-istess prospett;

c. L-*affidavits* ta' Daniel Farrugia, Louis Farrugia u Mandy Farrugia, indikati minnu bħala xhiedha fl-Istatemet of Claim.

Fl-aħħar nett it-Tribunal qiegħed jiffissa is-segwenti seduti sabiex jinġabru il-provi:

- 30 ta' Settembru 2015 fis-1:15 p.m.,
- 7 ta' Ottubru 2015 fis-2:00 p.m. u
- 28 ta' Ottubru 2015 fis-2:00 p.m."

*14. Permezz ta' Nota ppreżentata mill-intimati fit-18 ta' Awwissu 2015, huma spjegaw għaliex ma kienux jaqblu mal-imsemmi digriet. Huma sostnew li jekk l-istess digriet jibqa' fis-seħħ, ir-rikorrenti tkun irrekat favuriha vantaġġ a skapitu tagħhom, li dejjem ottemperaw ruħhom mal-liġi u mal-proċedura u li dan kien jaffettwa ukoll serjament d-dritt tagħhom għal smigħ xieraq.*

*15. Fis-seduta tat-30 ta' Settembru 2015, l-intimati rreġistraw in atti verbal li aktar tard, preċiżament fis-7 ta' Ottubru 2015, ifformalizzaw permezz ta' Nota li biha ssottomettew hekk:* "Mingħajr preġudizzju għall-kontenut tan-nota ppreżentata mill-intimati li tinsab in atti, l-intimati jagħmlu referenza għad-digriet tal-Arbitru

datat 13 t'Awwissu 2015 fejn *inter alia* laqa' t-talba tar-rikorrenti li tingħata opportunità li tressaq provi dwar l-eccezzjoni preliminari u dwar il-pretensjoni tagħha u dan nonostante li dawn il-provi kienu ġew magħluqa fit-3 t'April 2014;

L-intimati jirrelevaw li fid-digriet tiegħu tat-13 t'Awwissu 2015, l-Arbitru aċċetta t-talba tar-rikorrenti taħt sensiela ta' kundizzjonijiet tassattivi u anke mandatorji fosthom illi (a) Is-soċjetà rikorrenti tottempera ruha mal-*fee order* li ħareġ fis-27 ta' Mejju 2015, mhux iktar tard minn ħamest ijiem min-notifika tad-digriet tat-13 t'Awwissu 2015.

F'dan ir-rigward jingħad li fl-24 t'Awwissu 2015, Dr Larry Formosa permezz ta' email, aċċetta n-notifika tad-digriet għan-nom tas-soċjetà rikorrenti biex b'hekk is-soċjetà rikorrenti kellha sal-31 t'Awwissu sabiex tħallas il-*Fee Order*. Minflok ħallset dan l-ammont kif mitlub, jirriżulta li s-soċjetà rikorrenti ħalliet *cheque post dated* datat 9 ta' Settembru 2015 sabiex dan jissarraf f'data futura. B'hekk kisret waħda mill-kundizzjonijiet imposti mill-arbitru fid-digriet tiegħu tat-13 t'Awwissu 2015;

L-intimati jirrilevaw ukoll li fid-digriet tiegħu tat-13 t'Awwissu 2015, l-Arbitru aċċetta t-talba tar-rikorrenti suġġett għall-kundizzjoni illi permezz ta' nota ppreżentata sal-15 ta' Settembru 2015, is-soċjetà rikorrenti kellha tippreżenta prospett dettaljat dwar il-pretensjoni tagħha, d-dokumenti kollha disponibbli in sostenn tal-prospett u l-*affidavit* ta' Daniel Farrugia, Louis Farrugia u Mandy Farrugia.

F'dan ir-rigward, jingħad li filwaqt li l-prospett ġie ippreżentat fil-15 ta' Settembru, l-*affidavit* ta' Louis Farrugia u ta' Mandy Farrugia ma ġewx ipprezentati filwaqt li l-*affidavit* ta' Daniel Farrugia ġie ippreżentat b'mod tardiv fis-16 ta' Settembru. B'hekk anki hawnhekk, is-soċjetà rikorrenti kisret kundizzjoni oħra imposta mill-Arbitru fid-digriet tiegħu tat-13 t'Awwissu 2015.

Fid-dawl tas-suespost, l-intimati qed jistiednu l-Arbitru sabiex jottempera ruħu mad-digriet tiegħu stess, jisfilza l-*affidavit* ta' Daniel Farrugia u l-prospett eżebit minnu stante illi dan huwa dokument in sostenn tat-talba tiegħu u mhux dokument illi jservi sabiex jiddefendi ruħu għall-kontro-talba tal-intimati u jiddikjara l-provi tas-soċjetà rikorrenti dwar it-talba tagħhom magħluqa".

*16. Billi fl-imsemmija seduta tat-30 ta' Settembru r-rikorrenti ingħatat il-fakultà li tirrispondi, effettivament hija għamlet hekk fit-30 ta' Ottubru 2015. Spjegat id-diversi diffikultajiet li kellha biex tottempera ruħha mad-digriet tat-13 t'Awwissu 2015 fiż-żmien prefiss, iżda minkejja dawn id-diffikultajiet hija rnexxielha tirregola ruħha u ġiet konformi mal-kondizzjonijiet tal-imsemmi digriet, b'mod illi l-*Fee Order

*tħallset, il-prospett dettaljat ġie ppreżentat fil-ħin u l-*affidavit *pertinenti ġie ppreżentat.*
*17. Fis-seduta sussegwenti dan it-Tribunal informa lill-kontendenti kif kien jaħsibha dwar dan l-inċident u li kien sejjer jinkludi d-deċiżjoni tiegħu dwar l-aħħar imsemmija talba tal-intimati fil-lodo tiegħu, kif effettivament qiegħed jagħmel issa, meta għandu stampa aktar ċara u kompleta dwar il-każ.*

*18. Id-digriet fuq imsemmi tat-3 ta' April 2014 kien ingħata għaliex* prima facie *kien donnu jidher li r-rikorrenti kienet tilfet l-interess fl-andament tal-arbitraġġ. Ma kienx ifisser li dan id-digriet kien l-aħħar kelma, għaliex evidentement ingħata meta r-rikorrenti ma kinitx preżenti u allura setgħet tqum kwistjoni tad-dritt fundamentali tagħha għal smigħ xieraq. Evidentement, iż-żewġ kontendenti għandhom dan l-istess dritt fundamentali u dan it-Tribunal għandu l-obbligu li jiżen sewwa ċ-ċirkostanzi kollha preżentati lilu, fl-isfond tal-interessi konfliġġenti tal-istess partijiet, biex imbagħad jasal għall-ġudizzju tiegħu fl-aħjar interess tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja. Dan huwa preċiżament dak li ried li għamel dan it-Tribunal bid-digriet tiegħu tat-13 t'Awwissu 2015. Dan it-Tribunal ikkunsidra s-sottomissjonijiet li saru mill-intimati fin-Noti tagħhom tat-18 ta' Awwissu 2015 u tas-7 ta' Ottubru 2015, u għalkemm japprezza l-isforz qalbieni li għamel id-Difensur tagħhom, ma jistax jilqa' t-talba għall-isfilz tal-*affidavit *u l-prospett ta' Daniel Farrugia u lanqas jista' jiddikjara li s-soċjetà rikorrenti tilfet id-dritt li tressaq il-provi tagħha dwar it-talba tagħha fl-i*Statement of Claim. *Ċertament, il-formaliżmu proċedurali riġidu ma għandux jitħalla jiddomina fuq is-sostanza tal-litiġju preżenti, meta dan jista' jkollu riperkussjonijiet serjissimi fuq id-drittijiet patrimonjali kif ukoll fundamentali tar-rikorrenti. Dana wisq u wisq aktar meta r-rikorrenti effettivament rnexxielha tegħleb id-diffikultajiet li kellha u rnexxielha tirregola ruħha billi ġiet konformi mall-kondizzjonijiet tal-imsemmi digriet, kif jingħad fil-paragrafu 17 supra.*

***Taqsima C***

***Dwar jekk ir-rikorrenti pprovdietx u armatx l-i*scaffoldings *fuq is-siti in kwistjoni u jekk għamlitx dan ix-xogħol entro d-*deadlines *indkati fil-kuntratt***

*19. Skont klawsola 2 tal-kuntratt, ir-rikorrenti kellha sat-3 ta' Jannar 2012 biex tarma l-i*scaffolding *fuq is-sit VLT03, kellha sat-13 ta' Jannar 2012 biex tarma l-i*scaffolding *fuq is-sit VLT06* (facade), *u kellha sat-22 ta' Jannar 2012 biex tarma l-i*scaffolding *fuq is-sit VLT03* (bridge). *Madanakollu, ġie mifthiem li dawn id-*deadlines *kellhom jiġu estiżi f'każ ta' maltemp* ("inclement weather") *u ġie mifthiem ukoll li l-estensjoni relattiva kellha tintalab u kellha ssir bil-proċedura partikulari indikata fil-klawsola 6.1 tal-kuntratt.*

*20. Paul Muscat xehed fis-seduta tad-29 ta' April 2014 li l-ebda* deadline *stabbilit fil-klawsola numru 2 ma kien rispettat mir-rikorrenti. Huwa qal li kien hemm total ta' mija tnejn u tletin (132) ġurnata ta' dewmien fl-installazzjoni tal-i*scaffoldings *u rrifera għad-dokument PMX10 li esebixxa fl-istess seduta. Żied jgħid li fuq il-VLT 03 kien hemm 25 ġurnata ta' dewmien, waqt li fir-rigward tal-VLT 06 fuq il-*facade *u fuq il-*bridge *rispettivament, hemm 58 ġurnata u 49 ġurnata. Biex jissostanzja dan, huwa esibixxa wkoll id-dokumenti PMX4 u PMX5 li juru li l-i*scaffolding *dwar VLT 03 għadda mit-test tal-*Health and Safety *fit-28 ta' Jannar 2012 waqt li dak tal-VLT 06* (bridge) *għadda mill-istess test fit-8 ta' Marzu 2012.*

*Dan it-Tribunal jinnota li dwar l-i*scaffolding *armat fuq is-sit tal-VLT 06* (facade) *ma ġietx esibita l-aħjar prova, jiġifieri c-certifikat tal-*Health and Safety*. Jinnota wkoll li waqt il-kontroeżami ta' Paul Muscat, li sar fis-seduta tal-4 ta' Frar 2015, intqal kif ġej:*

Dr Robert Galea: Issa, skont l-*agreement* li kellkom, intom ftehmtu fuq (penali ta') 500 kuljum. Mela allura kif żminijiet li kienu *in parallel and running together* għoddejthom? Meta wieħed jara ftit il-mod ta' kif ħdimtu d-*delay*, inti għamilt 25 + 58 + 49 days. Dawn kienu ġranet *running in parallel* jiġifieri inthom, jekk kien hemm ġurnata partikolari, jekk nieħdu *case in point* illum, l-4 ta' Frar, u għandi 3 siti għaddejjin bix-xogħol fuqhom, inti dawk għoddejthom ġurnata kull waħda?

Paul Muscat: Hekk hu.

Dr Robert Galea: U dan minkejja li intom ftehmtu fuq *a daily penalty of 500 euro*.

Paul Muscat: Il-kuntratt kien ċar li kif tħares lejn klawsola hemm 3 siti, 3 jobs li kellu jagħmel. Dawk huma s-sites u għal dawk it-tlett xogħlijiet kien hemm multa għaddejja.

*21. Dan it-Tribunal ma jidhirlux li l-intimat Paul Muscat ta interpretazzjoni legalment korretta tal-kuntratt, li fil-klawsola 6.3, tispecifika* "a daily penalty of five hundred euro (€500) per day*". Li kieku l-kontendenti intendew verament l-interpretazzjoni li qiegħed jagħti hawn Paul Muscat, kieku fil-kuntratt kienu jindikaw li l-penali kienet* "per day/lot" *kif effettivament kienu għamlu fil-kuntratt oriġinali esibit bħala dok DF1, eżattament f'paġna 15. In oltre jiġi notat li meta il-Perit Zammit ikkonċeda lir-rikorrenti ġurnata jew tnejn b'żieda mal-ġranet stabbiliti tad-*deadline *minħabba l-maltemp, huwa ma tax interpretazzjoni konsistenti ma' kif ġie kkalkolat id-dewmien mill-intimati, billi il-ġranet ta' maltemp ma ġewx immoltiplikati bin-numru tal-jobs*

*jew siti, li kienu tlieta (3). Diġà ġie osservat li dwar l-i*scaffolding *armat fuq is-sit tal-VLT 06* (facade) *ma ġietx esibita l-aħjar prova, jiġifieri c-certifikat tal-*Health and Safety, *kif l-intimati għamlu referibilment għaż-żewġ siti l-oħra. Għalhekk, dan it-Tribunal ma huwiex sodisfatt li kien hemm ammont totali ta' 132 ġurnata ta' dewmien, kif qiegħed jiġi pretiż mill-intimati, iżda minflok huwa sodisfatt li saret prova minnhom li r-rikorrenti skorriet id-*deadlines *indikati fil-klawsola 2 b'49 (disgħa u erbgħin) ġurnata.*

*22. Ċertament, l-eżami ta' dan it-Tribunal ma jistax jieqaf hawn. Dana għaliex il-kontendenti ftehmu li dawn id-*deadlines *kellhom jiġu estiżi f'każ ta' forza maġġuri u maltemp* ("inclement weather"), "which may disrupt the operations of the Contractor in terms of this agreement", *kif jingħad fil-klawsola 6.1 tal-kuntratt. Ix-xogħol kollu kellu jsir fuq barra, bil-ħaddiema tar-rikorrenti esposti tista' tgħid dejjem għall-elementi tat-temp. Ix-xogħol kellu jkopri l-wesgħat u l-għoli kollu tas-swar preċisament fejn dawn kellhom bzonn ir-restawr. Dan ix-xogħol ta' restawr kellu jsir mill-ħaddiema tal-intimati. Evidentement, il-maltemp jaffettwa ħażin ħafna ix-xogħol ta' armar u żarmar ta'* scaffolding *u dan ifixkel il-prosegwiment tal-esekuzzjoni tax-xogħol relattiv. Dan il-fatt irriżulta wkoll mit-testimonjanza ta' diversi xhieda.*

- *Martin Cilia, fis-seduta tas-17 ta' Novembru 2015, stqarr li x-xogħol tal-armar tal-i*scaffolding *kien qiegħed isir fl-agħar żmien tas-sena fejn "ikun hemm ħafna ġranet li fihom il-maltemp u fil-maltemp mhux se taħdem fir-riħ u anki fix-xita".*
- *Aldo Busuttil, li ġie mqabbad biex jagħmel* risk assessment, *u li qal li għandu kwalifiki u esperjenza ta' għaxar (10) snin dwar* Occupational Health and Safety Practice, *xehed fl-istess seduta fejn spjega dettaljatament għaliex meta jkun hemm is-sajjetti, meta jkun hemm riħ qawwi li jeċċedi forza 6 jew inkella 21* knots, *jew meta jkollok ix-xita, "kemm krejnijiet, kemm* tower cranes, *kemm* lifting operations, *kif ukoll nies fuq l-i*scaffolding, *ngħidulhom biex jieqfu għall-fatt li r-riskju jaqa' fuq kullħadd". Spjega r-responasabilità ċivili u kriminali ta' min iħaddem, tal-*foreman *jew tas-*supervisor *li kollha obbligati joservaw ir-regoli tal-*health and saftey *u partikolarment id-dover tagħhom li jassiguraw li fil-maltemp ma jesponux il-ħaddiema għal riskji ta'* health and safety, *għaliex "mhux ix-xogħol biss imma dak jiġi wara. Is-saħħa u s-sigurtà tal-persuna tiġi qabel". Spjega li kullħadd irid jerfa' r-responsabilità tiegħu billi jevalwa r-riskji li jkun hemm fuq il-lant tax-xogħol f'dak il-ħin partikulari. Żied jgħid li jekk* foreman *ikollu ħaddiema li jkunu jridu jtellgħu xi materjal bil-*crane, *l-operatur tal-*crane *huwa obbligat li jissospendi il-*lifting operation *jekk huwa jaħseb li r-riħ huwa tali li jfixklu: "u l-ebda wieħed ma jista' jordnalu li hu jrid itella'. L-*operator *għandu responsabilità dak il-ħin. Allura kullħadd irid jerfa' r-responsablità tiegħu" (Page 11).*

*F'dan il-kontast, huwa utili li tiġi riprodotta hawn parti mix-xhieda li ta Daniel Farrugia fis-seduta tat-30 ta'Settembru 2015:*

Dr Larry Formosa: L-intimati qed jallegaw li intom ma lestejthux fil-ħin. Dan huwa minnhu? U jekk huwa minnhu, tispjegalna għalfejn ma lestejtux fil-ħin kif stipulat fil-kuntratt.

Daniel Farrugia: Aħna mill-kuntratt l-obbligi tagħna bdejnihom u waqafna mill-ebda u qatt mix-xogħol jekk mhuwiex mill-weather minħabba health and safety. Il-bqija kollha ġew onorati fil-parametri li kellhom jiġu onorati u jekk kien hemm delays kien hemm ħabba l-weather....Waqt li bdejna narmaw l-iscaffolding, il-perijodu Dicembru, Jannar, Frar u Marzu huwa l-agħar żminijiet tas-sena minħabba riħ, xita u maltemp. Dawk huma l-agħar f'kwalunkwe perijodu anki fil-construction. Tajjeb ukoll li ngħid li dan il-weather report li qegħdin neżebixxu huwa magħmul minn independent company nazzjonali, huwa kkalkulat fejn hawn spjegat postijiet normali, jiġifieri Ħal Luqa, mentri l-kundizzjonijiet li aħna konna qegħdin naħdmu fuqhom li qegħdin nitkellmu, qegħdin narmaw scaffolding 55 metru 'l fuq mill-art, qed naħdmu mal-iswar fejn jaħbat ir-riħ u mhuwiex normali. Konna qegħdin naħdmu ġo ditch fejn il-bokka tar-riħ jidħol kollu ġo qishu lembut u huwa riskji kbar speċjalment 55 metru u r-riħ mhuwiex l-istess. ... Jiġifieri fejn qegħdin naħdmu aħna f'dak l-għoli, r-repercussions huma ikbar u iktar gravi milli qed jirriżulta hawnhekk (referenza għal Dok DF 7). Dan bħal meta tmur tiprova tagħlaq bieb u jkun ir-riħ, bilkemm jirnexxielek tagħlqu jkun riħ qawwi. Aħseb u ara ġġor il-fallaki fuq żewġ fallakki oħra u tiprova tpoġġiha 55 metru 'l fuq mill-arja meta tkun fuq l-iscafolding. Tajjeb niġġustifikawha din mil-latt tekniku u mil-latt common sense u prattika. Ovvjament aħna nużaw id-diskrezzjoni tagħna, n-nies huma trejnjati u għandna d-diskrezzjoni tagħna li naraw jekk huwa riskju ta' health and safety, tissupera kwalunkwe decizjoni u email. Il-health and safety jissupera kollox u ovvjament l-impjegati jiġu qabel kwalunkwe timeframe li hemm.

Arbitru: Dan kellkom supervisor fuq il-lant tax-xogħol jiddeciedi skond it-temp jekk jistgħux jaħdmu jew le?

Daniel Farrugia: Iva. Jigifieri min-nies tagħna għandna nies kwalifikati u jekk jaraw li huwa riskju, jkollhom jieqfu. Ġieli kien hemm drabi ħdimna 3 sigħat u kellna nitilqu l-hemm. Jigifieri ma jfissirx għax nara naqra xita jew irxiex ma nersaqx lejn is-site. Mhux veru xejn bħalma kienu ippruvaw jallegaw. Jiġifieri dan ikun certu riħ. Ġieli jgħidlek eżempju li l-ewwel sagħtejn ta' filgħodu jkun ok, imbagħad ħa jitqawwa, imbagħad jerġa' jikkalma. Mhux se mmur l-aħħar sagħtejn nifiħma. Imma jekk jien għandi nofs ta' nhar xogħol, kont nibgħathom xorta jmorru jarmaw u

jkomplu jarmaw li jistgħu jarmaw. Waħda mill-argumenti u diskussjonijiet qalila specjalment mal-perit kienet, aħdem aħdem aħdem, issa nirranġaw.

*23. Daniel Farrugia, fl-*affidavit *ippreżentat fis-16 ta' Settembru 2015, stqarr li dan id-dewmien seħħ minħabba li kien hemm "bosta ġranet li ma stajniex naħdmu minħabba li t-temp ma kienx jippermetti". Biex jikkorobora dan, huwa esibixxa d-dokument, imsemmi aktar qabel, dok DF7 maħruġ mill-Uffiċċju Meteoroloġiku tal-Ajruport ta' Malta li jikkontjeni* Statistical Data dwar Daily Maximum Wind Force in Knots & Maximum / Minimum Direction*, dwar* Daily amount of rainfall (Precipitation) *u* List of Wind Warnings (civil). *Jekk wieħed janalizza din l-istatistika għall-perijodu rilevanti, jiġifieri mit-22 ta' Diċembru 2011 sa nofs Marzu 2012, wieħed isib li, apparti il-ġranet tax-xita, kien hemm 56 (sitta u ħamsin) ġranet fejn ir-riħ kien qed jonfoħ b'forza 6 u aktar u kien hemm 22 (tnejn u għoxrin) ġranet fejn il-Met Office ħareġ* warnings *ta' riħ qawwi, jew qawwi ħafna jew ta' riefnu. Li jfisser li li meta r-rikorrenti skorriet id-*deadlines *indikati fil-klawsola 2 b'49 (disgħa u erbgħin) ġurnata, dan ma għamlitux kapriċċosament, għaliex jirriżulta mill-imsemmija statistika li l-maltemp, partikolarment ir-riħ qawwi imsemmi, kien il-fattur impellenti li impedixxa lir-rikorrenti milli tosserva id-*deadlines *imsemmija.*

*24. Imma minkejja dak li għadu kif intqal, tista' r-rikorrenti teżimi ruħha mir-responsabbilità derivanti mit-termini partikulari tal-kuntratt? Din il-mistoqsijja tqum fid-dawl tal-kontenut ta' dik il-parti tal-klawsola 6.1 tal-kuntratt, li stabbiliet proċedura partikulari kif kellha tintalab u kif kellha ssir l-estenzjoni ta' dawn id-*deadlines*, f'każ ta' maltemp* ("inclement weather")*. Hemmmhekk jingħad hekk:*

"Provided that in order to determine the existence or otherwise of "inclement weather", the Contractor is to first send an email to Architect Joe Zammit on behalf of the Employer who shall inform the Contractor whether he is in agreement or otherwise with their belief that there is "inclement weather" on any particular day. Unless and until Architect Joe Zammit confirms this in writing to the Contractor, the Contractor is to proceed with the Remaining Works or extra works, as the case may be, without further delay". (6.1).

*25. Jirriżulta li hemm konflitt serju fil-provi miġbura dwar il-mod kif din il-klawsola ġiet implimentata u mħaddma. L-imsemmi Perit Joseph Zammit, li kien ġie ingaġġat mill-intimati biex jassistihom f'dak li huwa* management *u pariri tekniċi, xehed hekk fis-seduta tad-9 ta' Lulju 2014:*

Dr Antoine Naudi: Issa, skont dak il-ftehim li huwa esebit, kien hemm ċerti dati illi bħalma għidt int, fihom id-DIS kellu jagħmel erection ta' scaffolding. Qed

nirreferi għall-klawsola numru tnejn Sur Imħallef. Taf jekk effettivament DIS zammx ma' dawk id-deadlines?

Joseph Zammit: No, ma' dawk id-deadlines ma żammx.

Arbitru: Issa, kien hemm xi raġuni għaliex ma żammx li tista' tkun taf biha int?

Joseph Zammit: Ir-raġuni teknika ma' tezistix. Normalment ikun hemm *delays* jew għax ma jkollokx *sufficient workforce* jew ikun hemm assenza ta' *workforce* hux.

Arbitru: Imma n-naħa l-ohra jiġifieri DIS, qatt tak xi raġuni?

Joseph Zammit: No. Jien ma nafx b'raġuni valida dwar għala. Kien hemm klawsola fil-kuntratt fejn kienet tagħti lok illi jekk ikun hemm kundizzjonijiet ta' *inclement weather*, dawk jiġu rikonoxxuti u ovvjament il-*completion date* tiġi estiża *by the same amount*. Kienet giet applikata fuq VLT3 għax dak iz-żmien VLT3 mingħalija kien la naf late December u lanqas naf early January. Partikolarment *high winds* kienet tkun il-problema u heavy rainfall. Fil-fatt hemm xi korrispondenza min-naħa tiegħi fejn jien kont aċċettajt li kien hemm xi jumejn jekk minix sejjer żball.

*Mid-dokument Dok JZX ipprezentat mill-Perit Joseph Zammit fis-seduta tal-25 ta' Frar 2015, jirrizulta li bl-email datata 2 ta' Jannar 2012 huwa informa lir-rikorrenti illi:* "Meanwhile, in accordance with provisions of our recent agreement, we confirm that an extension of two days (determined by exceptionally inclement weather over the past weeks) has been granted. This extension applies to completion dates and any other related provisos". *Meta l-Perit Zammit kien qiegħed jixhed fis-seduta tas-17 ta' Novembru 2015, intqal hekk:*

Dr Antoine Naudi: Issa rigward u relatat mal-maltemp. Is-sur Farrugia għoġbu jesebixxi wkoll dokumenti maħruġin mill-Malta International Airport rigward il-ġranet ta' riħ u saħħa ta' riħ u xita li kien hemm f'dawk il-ġranet, dawk ix-xhur ta' Jannar Frar eċċ. Għaliex skont hu, qed jinsisti li kien hemm mhux tnejn-tliet ijiem biss ta' ġranet li kien hemm il-maltemp imma kien hemm ferm iktar. X'għandek xi tgħid fuq dan fid-dawl tal-fatt li hu kellhu obbligu li jinfurmak.

Perit Joseph Zammit: Jien kulma ġie mitlub, ġie mogħti. Bl-istess mod qatt ma pretendejt li jsir xogħol f'ambjent li hemm periklu għal min kien qed jaħdem.

*Imbagħad parti mix-xhieda ta' Paul Muscat li ta fis-seduta tad-29 t'April 2014 hija f'dan is-sens:*

Dr Antoine Naudi: ... U dawn id-dati ċjoé li l-klawsola 2 tgħid li hemm data tat-3 ta' Jannar, 13 ta' Jannar, 22 ta' Jannar eċċ, dawn kienu d-dati allura, jekk nifhmek sew, li fihom id-DIS kellha tispiċċa l-*installation* tal-i*scaffolding* fis-siti indikati.

Mr Paul Muscat: Iva.

Dr Antoine Naudi: Sewwa. Effettivament dawk id-dati, d-DIS irnexxielha tilhaq dawk id-dati? Għamlet l-i*scaffolding* entru dawk it-termini?

Mr Paul Muscat: Le.

Dr Antoine Naudi: Għalfejn le?

Mr Paul Muscat: Għalfejn ma nafx imma jien li naf, qatt ma spiċċaw ma dawk id-dati. M'hemm l-ebda data li kienet rispettata.

Dr Antoine Naudi: Issa jekk dak huwa l-każ, intom il-għala ħassejtu l-bżonn li xorta tħallsuhom il-pagamenti li aħna effettivament eżebejna ftit ilu?

Mr Paul Muscat: Bażikament aħna kellna kif għidt diġà ħafna *pressures*. Meta d-DIS bdew jinstallaw dawk il-partijiet, kienu għaddejjin, jiġifieri kienu qed jaħdmu. L-għaġġla li jlestu f'dak il-ħin, ma kienx il-pass mixtieq, però aħna konna f'diffikultà kbira biex indaħħlu partijiet oħra biex itellgħu l-i*scaffolding*. Matul iż-żmien, jiġifieri aħna konna qegħdin inħallsuhom biex ninkuraġġawhom biex jispiċċaw ix-xogħol li kellhom jispiċċaw.

*26. Il-provi li ressqet ir-rikorrenti jagħtu verżjoni differenti tal-fatti. Fl-*affidavit *tiegħu ppreżentat fis-16 ta' Settembru 2015 Daniel Farrugia stqarr li l-*proviso *tal-klawsola 6.1* "bdiet toħloq il-problemi għaliex huma bdew jabbużaw minnha. Mill-ewwel ġurnata li tlabt lill-Perit Zammit estensjoni kien innegaha u minkejja li t-temp ma kienx jippermetti ried li bilfors nibqgħu għaddejjin bix-xogħlijiet". *Sejra tiġi riprodotta hawn parti mix-xhieda li ta Daniel Farrugia fis-seduta tat-30 ta' Settembru 2015:*

Dr Larry Formosa: Fil-kuntratt hawn stipulat, jekk kellkom tieqfu minħabba *inclement weather*, kellkom tkellmu l-perit Zammit via email. Intom din il-klawsola ma ottemprajtuhiex?

Daniel Farrugia: Kemm iċ-ċertifikati u ħafna mill-korrispondenza kienet tkun mal-*foreman* tagħna *on site* dirett u jiffirma dirett fuq il-karti bħalma ħa nesebixxu biex ikun hemm provi. Jiġifieri l-i*square meters* jiġu ffirmati dak il-ħin fuq biċċa karta bejn il-perit u bejn il-*foreman* tiegħi u dik tkun il-vanġelu. L-istess ħaġa ezempju llum mmorru *on site* u jgħidlu ma tistgħux taħdmu llum. Iżda kien hemm

diversi drabi u waħda mill-argumenti, ġie japprova tliet ijiem biss minħabba l-perijodu ta' Jannar u Marzu li dan ma naqblu assulutament xejn miegħu u r-riżultat joħroġ mir-rapport li għandna hawnhekk .....

Arbitru: Jiġifieri ma qbiltux mad-deċiżjoni li jkun ħa l-perit Zammit fuq jekk kienx temp tajjeb li taħdem jew ma taħdimx fih?

Daniel Farrugia: Il-perit ma kienx jiġi kuljum *on site*. Kont ngħidlu l-ġimgħa l-oħra kien hemm hekk. U jgħidli issa nirranġaw u meta ġejna għas-si u no, għax hu ma kienx jiġi jiffirma kuljum. Meta għidtlu li dawn ried jiffirmahomli, qalli li tliet ijiem ħa jagħtini....Approva tliet ijiem ta' maltemp għax hu ma kienx jiġi kuljum. Għidtlu mela ma tafx x'inti tgħid....

Dr Larry Formosa: Jiġifieri l-emails qed tgħid li ma ntbagħtux?

Daniel Farrugia: Intqalu kemm il-darba. Ġieli ntbagħtu xi emails, imma l-iktar kienu verbalment, imbagħad qtajna qalbna għax jiġi kwazi bdejna, u meta ngħidlu dan tużahx ħabba *health and safety*, jaqbeż hu u jgħidli tidholx fiha u ha nieħdu ħsieb aħna. Skużi jew kollox jew xejn. Mhux fejn jaqbillek tieħu ħsieb inti u fejn jaqbilli nieħu ħsieb jien ... U x'ħin jidħlu dawn il-battibekki, imbagħad ovvjament ma bqajniex immorru *on site* qabel jiġu onorati l-obbligi tagħhom. Nuruhom li dak mhux *safe*, imbagħad ovvjament ma bqajna nibgħatu l-ebda email...Jiġifieri f'Jannar, għandek 7 t'ijiem f'Jannar *gale* qed nitkellmu. Fi Frar għandek 13-il ġurnata oħra *gale force* u f'Marzu kellhekk 5 oħra. Jiġifieri jekk tgħoddhom dawn hemm iktar minn xahar *gale*, u dan qed jippretendi li naħdem f'dak it-tip ta' kundizzjoni. Issa jekk ma kienx xita u kien ir-riħ, xorta hija problema li trid tiġi indirizzata. Jiġifieri inti hawnhekk għandek l-ammont ta' xita u l-ammont ta' riħ. Jiġifieri dawn trid taraħhom *parallel* għax ġieli kien riħ u xita f'daqqa u ġieli kien riħ qawwi u ma kienx xita u ġieli ma kienx riħ imma xita qawwijja li ma tistax taħdem xorta. Jiġifieri inti trid tarahom *parallel*. Mad-daqqa t'għajn hawn, tissupera 'l fuq minn tletin ġurnata sew *delay* ta' *weather inclementation*. Huwa rrelevanti jekk aprovahiex il-perit jew le. Tajjeb li approvahieli l-perit, imma jekk kien hemm diskrepanzi għax kellhom ir-raġunijiet għaliex japprovawhom jew le, minn dan kollu jista' jiġi għax il-*health and safety* ma tiċċajtax magħha u dan huwa prova....Jiġifieri hawn għandek prova ċar daqs il-kristall kemm kien hemm *delays* fejn (jidher) ċar li ma kienx hemm qbil bejn l-*extension* li ta l-perit it-tliet ijiem u insih il-qbil ta' Daniel u mhux qed jgħid Daniel. X'qed jgħid ir-rapport li hemm esaġerazzjoni ta'diskrepanzi.

*Fl-imsemmi affidavit tiegħu ppreżentat fis-16 ta' Settembru 2015 Daniel Farrugia ikkonferma li "aħna ma spiċċajniex fil-ħin minħabba bosta ġranet li ma stajniex*

*naħdmu fiħom minħabba li t-temp ma kienx jippermetti". Qal ukoll li "Minkejja li l-Perit kien qed jirrifjuta li jagħtina l-kunsens tiegħu aħna xorta waħda waqafna naħdmu meta jien kont nara li l-kondizzjonijiet kienu ta' periklu". Aktar qabel kien stqarr li "qatt ma kont sejjer nażżarda saħħet il-ħaddiema"*

*27. Dan it-Tribunal jinnota li r-rikorrenti naqset li teżibixxi l-emails li Daniel Farrugia qal li intbagħtu lil Perit Zammit kontenenti talba għall-estensjoni tad-*deadlines ai termini *tal-*proviso *tal-klawsola 6.1 tal-kuntratt. Jidher li dawn it-talbiet għall-estensjonijiet tad-*deadlines *x'aktarx li l-aktar li saru kien bil-fomm u għalhekk ma kienux strettament konformi mal-proċedura stabbilita fl-imsemmi* proviso*. Forsi kieku wieħed ikun irid jaqta' fil-qasir, b'atteġġjament formalistiku riġidu, huwa jista' jirreferi biss għall-aforizma "*pacta sunt servanda" *u għall-artikolu 992 tal-Kodiċi Ċivili li jgħid li* "l-kuntratti magħmula skont il-liġi għandhom is-saħħa ta' liġi għal dawk li jkunu għamluhom". *Però, l-istess Kodiċi ma jieqafx hawn. Infatti fl-artikolu 993 jesiġi li* "l-kuntratti għandhom jiġu esegwiti bil-bona fidi, u jobbligaw mhux biss għal dak li jingħad fihom, izda wkoll għall-konsegwenzi kollha li ġġib magħha l-obbligazzjoni skond ix-xorta tagħha, bl-ekwità, bl-użu jew il-liġi".

*28. M'hemmx dubbju li l-osservanza tad-*deadlines *kien aspett importantissimu għall-intimati, għax anke l-klawsola 6.1 tafferma li:* "Both parties understand the need to complete the Remaining Works by not later than the deadlines set out in Clause 2 above". *Huwa evidenti għal dan it-Tribunal li l-*proviso *kif redatt tal-klawsola 6.1 tal-kuntratt, fih potenzjalment insitu fih, iż-żerriegħa li minnu seta' jinbet konflitt serju bejn il-partijiet, jekk l-implimentazzjoni tal-kontenut tiegħu ma jsirx b'mod imparzjali, oġġettiv u ekwu. Dan qed jingħad għaliex meta l-Perit Zammit ġie afdat bl-inkarigu li jiddetermina liema kienu l-ġranet ta' maltemp li fihom ix-xogħol tar-rikorrenti kellu jkun sospiż, huwa kellu obbligu li jilbes il-kappell ta' Perit indipendenti. Dan il-Perit sab ruħu f'pożizzjoni delikata ta' konflitt ta' interess għaliex huwa kien proprju l-perit li kien jippatroċinja l-intimati f'dana l-appalt, u allura kien ġie inkarigat u imħallas appożitament biex iħares l-interessi tagħhom. L-interess tal-intimati, f'dak l-istadju, kien proprju li jiffinalizzaw il-proġett entro d-*deadlines *li kellhom imposti fuqhom mid-Direttur tal-Kuntratti, għax kien hekk biss li setgħu jevitaw li jeħlu penalitajiet għad-dewmien, apparti li jitilfu l-kredibilità mal-istess Direttur. Tant huwa hekk, li waqt li kien qiegħed jixhed fis-seduta tas-17 ta' Novembru 2015 , l-istess Perit Zammit, fiwaqt li immedeżima ruhu mal-intimati, stqarr:* "Konna qed niġu mhedda mir-Restoration Unit li ħa jwaħlulna l-penali apparti li jibblacklistjana u dawn l-affarijiet kollha". *Isegwi li kien jinkombi fuq dan il-Perit, la darba deherlu li kellu jaċċetta l-inkarigu li ingħata lilu, li l-istess inkarigu jimplimentah b'imparzjalità maż-żewġ partijiet, kif tirrikjedi il-ġustizzja*

*naturali, kif ukoll jimplimentah bil-bona fidi u b'ekwità, kif jesiġi l-Kodiċi Ċivili fl-artikolu 993. B'hekk, kien doveruż fuq dan il-Perit li jevita li dan il-*proviso *jintuża biex jingħata vantaġġ favur xi parti waħda, bi ħsara għall-parti l-oħra. U mhux hekk biss, għaliex fl-ekwazzjoni hemm involuti direttament ukoll id-drittijiet sagrosanti tal-ħaddiema għas-saħħa w is-sigurezza tagħhom. Il-kuntratt stess impona fuq ir-rikorrenti l-obbligu li jħares dawn id-drittijiet tal-ħaddiema tiegħu. Ċertament, ir-rikorrenti ma kinitx tista' teżimi ruħha mir-responsabilità relattiva, kieku għall-grazzja tal-argument, hija kella tistrieħ ċiekament fuq ordni ta' perit li x-xogħol jibqa' għaddej, nonostante l-eżistenza ta' maltemp aħrax, bir-riżultat li ħaddiem jisfa' korrut jew mejjet, għax ġie ordnat jaħdem, meta t-temp evidentement ma kienx jippermetti. Dan it-Tribunal evalwa akkuratament id-depożizzjoniet tax-xhieda u l-provi l-oħra li tressqu fir-rigward fuq din il-kwistjoni u wasal għall-konklużjoni li l-verżjoni ta' Daniel Farrugia, kif korroborata mix-xhieda ta' Martin Cilia, ta' Aldo Busuttil u, aktar u aktar, mill-istatistika tal-Met Office kontenuta fid-Dok DF7, tidher attendibbli u allura wieħed jista' joqgħod fuqha. Dawn il-provi jindikaw b'mod ċar li effettivament kien hemm fil-bidu tas-sena 2012, ferm aktar ġranet ta' maltemp ikrah, mill-jumejn biss li ikkonċeda lir-rikorrenti l-Perit Zammit, li kellhom raġonevolment jiġu ċertifikati bħala li fihom ix-xogħol kellu jkun sospiż, u dan primarjament biex tkun salvagwardata l-inkolumità tal-ħaddiema. Kien dover tal-Perit li ma jinjorax l-ebda talba leġittima għall-estensjoni tad-*deadlines*, anke jekk tali talba setgħet saret verbalment, meta t-temp kien ikun verament tali li ma jippermettix li jsir ix-xogħol. Dan it-Tribunal ma jistax japprova l-operat tal-Perit Zammit, għaliex il-provi imsemmija jindikaw, fuq bilanċ ta' probabiltajiet, li l-istess Perit naqas li jimxi b'dik l-imparzjalità rikjesta minnu fl-esekuzzjoni tal-inkarigu li tawh il-kontendenti. Fil-fehma ta' dan it-Tribunal, il-Perit Zammit jidher li ta ferm aktar piż lil-formaliżmu riġidu, jiġifieri lejn kif kellha issir it-talba għall-estensjoni, milli lejn is-sostanza, jiġifieri lir-realtà tal-maltemp li effettivament sseħħ fil-bidu tas-sena 2012. B'hekk, dan it-Tribunal huwa sodisfatt li l-imsemmi* proviso *tal-klawsola 6.1 ma ġiex implimentat b'dik il-bona fidi u l-ekwità rikjesta mill-imsemmi artikolu 993 tal-Kodiċi Ċivili. Dan l-operat ma naqasx li jikkreja żbilanċ inġust favur l-intimati, bi preġudizzju tad-drittijiet leġittimi tar-rikorrenti, biex b'hekk l-istess* proviso, *kif ġie implimentat ma tħalliex jilħaq l-iskop leġittimu li suppost kien intiż li jilħaq, jiġifieri biex iżomm bilanċ ġust bejn id-drittijiet reċiproċi tal-kontendenti.*

*29. Dan it-Tribunal iżid josserva li l-intimati, b'għemilhom stess, taw l-approvazzjoni sħiħa tagħhom għal din l-implimentazzjoni żbilanċjata tal-istess* proviso. *Huma presumibilment kienu jkunu preżenti fuq il-lant tax-xogħol u allura kienu jkunu ben konxji tal-maltemp li ġie "maqbud" fl-istatistika kontenuta fid-Dok DF7. Din l-*

*istatistika tagħti stampa pjuttost wisq differenti mill-istampa tal-jumejn maltemp li ta il-Perit Zammit. Jidher li dan l-atteġġjament tal-intimati, li jinjoraw l-effett tal-maltemp fuq l-esekuzzjoni tax-xogħol li kien qed isir mir-rikorrenti, għen biex ir-relazzjonijiet bejn il-kontendenti jiħżienu u jmorru għall-agħar, biż-żewġ partijiet jieħdu pożizzjonijiet konfrontali u intransiġenti, kif sejjer jissemma aktar 'il quddiem. Għalhekk, bħala konklużjoni ta' din it-Taqsima, dan it-Tribunal isib bħala sodisfacentement pprovat li r-rikorrenti bażikament ipprovdiet u armat l-*iscaffoldings *li kienet obbligata li tarma fuq is-siti in kwistjoni. Għalkemm irriżulta li dan ma għamlitux entro d-*deadlines *specifici indikati fil-klawsola 2, però, hija ma kinitx bażikament tardiva fis-sens tal-klawsola 6.1, għaliex il-pretensjoni tagħha li dawn id-*deadlines *kellhom jiġu estiżi minħabba l-maltemp li matulu x-xogħol kellu jkun sospiż, ukoll tirriżulta sodisfaċentement pprovata.*

*...*

*56. Għal dawn il-motivi dan it-Tribunal:*

- *Fl-ewwel lok, referibilment għat-talba tar-rikorrenti indikata fl-*istatement of claim *(li fil-mori tal-arbitraġġ din ġiet ridotta għall-ammont ta' €248,106.09), jilqa' l-istess talba limitatament għas-somma likwidata ta'***<u>€174,590.93</u>** *(mija u erba' u sebgħajn elf ħames mija u disgħajn Ewro u tlieta u disgħajn ċenteżmu) u filwaqt li jikkundanna l-intimati li jħallsu lir-rikorrenti din l-istess somma, jiċħad l-istess talba in kwantu teċċedi l-imsemmija somma ta' €174,590.93;*

- *Fit-tieni lok, jordna li fuq l-imsemmija somma ta' €174,590.93 likwidata favur ir-rikorrenti jiddekorru l-interessi bir-rata ta' 8% (tminja fil-mija) mid-data ta' din id-deċiżjoni sal-effettiv pagament;*

- *Fit-tielet lok, rigward il-kap tal-ispejjeż konnessi mat-talba tar-rikorrenti, fid-dawl tar-rispettiv rebħ u telf tal-kontendenti referibilment għall-istess talba, dan it-Tribunal jordna l-ispejjeż kollha jitħallsu kwantu għal 63% (tlieta u sittin fil-mija) mill-intimati u kwantu għal 37% (seba' u tletin fil-mija) mir-rikorrenti, u dana skont taxxa uffiċjali maħruġa miċ-Ċentru tal-Arbitraġġ annessa hawn bħala Dok A, li għandha titqies li tifforma parti integrali minn din id-deċiżjoni;*

- *Fir-raba' lok, referibilment għal-kontro-talba tal-intimati jiċħad it-talbiet kollha fiha kontenuti; u*
- *Fil-ħames lok, rigward il-kap tal-ispejjeż konnessi mal-kontro-talba tal-intimati, dan it-Tribunal jordna li l-ispejjeż kollha relattivi jitħallsu mill-intimati u dana skont taxxa uffiċjali maħruġa miċ-Ċentru tal-Arbitraġġ annessa hawn bħala Dok A li għandha titqies li tifforma parti integrali minn din id-deċiżjoni."*

## L-Appell

6. L-appellanti intavolaw ir-rikors tal-appell tagħhom fis-16 ta' Frar, 2018, fejn qegħdin jitolbu lil din il-Qorti sabiex tvarja d-deċiżjoni appellata bil-mod kif ġej:

> *"45. ... mingħajr preġudizzju u b'mod sussidjarju għall-appell fuq il-punti ta' liġi msemmija f'paragrafi 26 u 34 ta' dan ir-rikors, hija l-fehma tal-konvenut nomine illi f'każ li din l-Onorabbli Qorti ma taċċettax l-appell tiegħu fuq il-punti ta' liġi msemmija preċedentement, din l-Onorabbli Qorti (bl-applikazzjoni tal-Art. 71(3) tal-Kap. 387) wara li tapplika l-interpretazzjoni korretta tal-punt ta' liġi illi ma teżistix relazzjoni ġuridika bejn l-attriċi u l-Kooperattiva Recoop, għandha tvarja d-deċiżjoni appellata billi tillibera lill-Kooperattiva Recoop mill-osservanza tal-ġudizzju u mill-bqija tikkonferma d-deċiżjoni tal-Arbitru u dan taħt kull provvedimenti oħra illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tieħu fir-rigward ta' kif għandhom jinqasmu l-ispejjeż kemm tal-Arbitraġġ u kif ukoll ta' dan l-appell."*

7. L-appellanti jissottomettu li l-aggravju tagħhom huwa li ma jaqblux mal-interpretazzjoni mogħtija mit-Tribunal dwar is-segwenti punti ta' liġi: (1) it-tħassir *contrario imperio* tad-digriet interlokutorju tat-13 ta' Awwissu, 2015, magħmul mit-Tribunal; (2) l-ekwità *vs.* il-prinċipju ta' *pacta sunt servanda;* u (3) nuqqas ta' relazzjoni ġuridika bejn is-soċjetà appellata u l-appellanti.

## Ir-Risposta tal-Appell

8. Is-soċjetà appellata wieġbet permezz ta' risposta ippreżentata fil-5 ta' Marzu, 2020, fejn irriteniet li d-deċiżjoni appellata hija waħda ġusta u b'hekk timmerita konferma minn din il-Qorti.

## Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

9. Għandu jingħad mill-ewwel illi fil-każ odjern l-appell ma jistax jiġi kkunsidrat minn din il-Qorti jekk ma jissodisfax ir-rekwiżiti imposti mid-dispożizzjonijiet tas-subartikolu 70A(3) tal-Kap. 387, li jitlob lil din il-Qorti:

*"...tikkunsidra l-appell biss jekk il-Qorti tkun sodisfatta –*

(a) *li d-deċiżjoni dwar il-punt ta' liġi taffettwa sostanzjalment id-drittijiet ta' waħda jew iktar mill-partijiet;*
(b) *li l-punt ta' liġi huwa wieħed li t-tribunal kien mitlub jiddeċiedi fuqu jew mod ieħor iddependa fuqu biex jasal għad-deċiżjoni;*
(ċ) *li fuq il-bażi ta' dak li jirriżulta mill-fatti fid-deċiżjoni, id-deċiżjoni tat-tribunal dwar il-punt ta' liġi hija* prima facie *miftuħa għal dubju serju; u*
(d) *li abbażi ta' reviżjoni tar-rikors, kull risposta u d-deċiżjoni, l-appell ma jidhirx li hu dilatorju u vessatorju,*

*u fil-każijiet l-oħra kollha il-Qorti għandha tiċħad l-appell."*

10. Il-Qorti tosserva li l-għarbiel li introduċa dan l-artikolu tal-liġi għall-appelli li jistgħu jitressqu quddiemha minn kull lodo arbitrali, huwa wieħed tassew fin. Hawnhekk din il-Qorti mhux biss hija prekluża milli tikkunsidra appell fuq il-mertu, iżda għandha wkoll tiċħad mill-ewwel kull appell ieħor imsejjes fuq punt ta' liġi, iżda li ma jissodisfax ir-rekwiżiti stabbiliti mis-subartikolu 70A(3) tal-Kap. 387 li l-liġi tirrikjedi li għandhom japplikaw b'mod kumulattiv. Għalhekk din il-Qorti qabelxejn ser tgħaddi sabiex tikkunsidra jekk għandhiex tittratta l-appell odjern kif imressaq mill-appellanti fejn huma qegħdin jappellaw fuq dak li jgħidu huma tliet punti ta' liġi. B'dana wkoll li dan l-eżercizzju din il-Qorti tista' biss tgħaddi biex tagħmlu ġaladarba hija tkun sodisfatta li l-appellanti għamlu dak li huwa rikjest minnhom taħt id-

dispożizzjonijiet tas-subartikolu 70B(1) tal-istess liġi. Dan is-subartikolu jirrikjedi li l-appellant jagħmel ċar liema punt ta' liġi huwa qed jitlob deċiżjoni dwaru minn din il-Qorti, u liema skont hu hija t-tifsira korretta tiegħu. B'hekk il-liġi permezz ta' dawn iż-żewġ subartikoli assigurat li fejn il-partijiet ikunu għażlu minn jeddhom sabiex jirrimettu l-vertenza tagħhom għall-proċedura ta' arbitraġġ, huma ma jkollhomx mod li jevitaw il-ftehim ta' bejniethom, għajr għal dawk il-każijiet li tassew hemm lok li ssir inġustizzja kbira magħhom.

__**L-ewwel punt ta' liġi**__

11. L-appellant jispjega l-ewwel punt ta' liġi li qed jitlob deċiżjoni dwaru kif ġej:

> *"i. Il-punt deċiż mill-Arbitru (taħt Taqsima A) fid-deċiżjoni finali tiegħu stess dwar jekk id-digriet interlokutorju tiegħu mogħti fit-13 ta' Awwissu 2015 li permezz tiegħu rrevoka* contrario imperio *d-digriet interlokutorju tiegħu mogħti fit-3 ta' April 2014 (li bih kien iddekreta illi* "l-provi tas-soċjetà rikorrenti dwar l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-intimat kif ukoll dwar il-pretensjoni tagħha ġew magħluqa u dan billi rriżulta sodisfaċentement li din is-soċjetà ingħatat biżżejjed opportunità li tipproduċihom, iżda hija naqset li tagħmel dan u ma tat l-ebda raġuni suffiċjentement valida skont il-liġi għal dan in-nuqqas") *kellux jiġi revokat* contrario imperio;*"*

12. Mal-ewwel qari tas-sottomissjonijiet li saru mill-appellanti sabiex jispjegaw r-raġuni tal-appell tagħhom, il-Qorti tgħid li ma tistax tagħraf liema huwa proprju dak il-punt ta' liġi li hija għandha tiddeċiedi fuqu u wisq anqas x'inhi t-tifsira korretta tiegħu skont l-istess appellanti. Iżda sabiex il-Qorti ma tonqosx bl-ebda mod li tagħmel ġustizzja mal-appellanti, hija ser tgħaddi

sabiex tikkunsidra wkoll is-sottomissjonijiet fit-tul li jagħmlu l-appellanti bil-għan biss f'dan l-istadju tal-eżami tagħha, li tifhem aħjar l-ilment tagħhom.

13. Qabelxejn l-appellanti jiddikjaraw li hawnhekk huma mhux qegħdin jappellaw minn digriet interlokutorju mogħti fl-istadju tal-arbitraġġ, iżda qegħdin jappellaw minn punt ta' liġi deċiż mit-Tribunal taħt Taqsima B tal-lodo arbitrali. L-appellanti jkomplu billi jissottomettu li l-pern tal-kwistjoni kollha għandha l-għeruq fl-intransiġenza kbira li wriet is-soċjetà appellata sabiex tressaq il-provi tagħha u jagħtu sinteżi qasira tal-proċeduri li nstemgħu quddiem it-Tribunal. L-appellanti jsemmu id-digriet interlokutorju li ngħata mit-Tribunal fit-3 ta' April, 2014, u li sussegwentement ġie revokat *contrario imperio* fit-13 ta' Awwissu, 2015, fuq rikors tas-soċjetà appellata magħmul fil-11 ta' Mejju, 2015. L-appellanti għamlu riferiment għas-subartikolu 44(10) tal-Kap. 387 u anki għas-subartikolu 71B(3) li ġew *in vigore* permezz tal-Att IX tal-2004. Hawnhekk l-appellanti jiċċitaw siltiet mid-dibattiti parlamentari fl-istadju tal-Kumitat tal-Konsiderazzjoni tal-Abbozzi ta' Liġi fis-26 ta' Lulju, 2004, sabiex isostnu l-argument tagħhom li l-intenzjoni tal-leġiżlatur kienet waħda ċara, jiġifieri skont huma li digrieti interlokutorji ma jistgħux jiġu appellati matul il-proċeduri tal-arbitraġġ, iżda sussegwentement u dan sakemm jiġu sodisfatta l-kweżiti tas-subartikolu 70A(3). Jissottomettu li għalhekk id-digriet interlokutorju tat-13 ta' Awwissu, 2015, kien wieħed null u bla effett. L-appellanti jgħidu li huma ma jaqblux mal-pożizzjoni meħuda mit-Tribunal li l-kwistjoni kienet tittratta formaliżmu proċedurali riġidu. Iżidu jgħidu li jekk id-digriet interlokutorju inkwistjoni għandu jitqies bħala wieħed validu, peress li ma ġewx sodisfatti l-kondizzjonijiet espressament imposti mit-Tribunal, dan

kellu jitqies li ma sarx u b'hekk kien japplika d-digriet oriġinali tat-3 ta' April, 2014. L-appellanti filwaqt li jaċċennaw għall-allegati nuqqasijiet da parti tas-soċjetà appellata sabiex tressaq il-provi tagħha, ma kellux jingħad fir-rigward tagħha li hija ma kellhiex tbati minn *"formaliżmu proċedurali riġidu ... meta dan jista' jkollu risperkussjonijiet serjissimi fuq id-drittijiet patrimonjali kif ukoll fundamentali tar-rikorrenti".* Isostnu li altrimenti kienu ser ikunu huma li jbatu minn travestija tal-ġustizzja u jissottomettu li d-digriet interlokutorju tat-3 ta' April, 2014, kellu japplika fl-interità tiegħu u b'hekk is-soċjetà appellata ma kellhiex titħalla tressaq provi ulterjuri. Hawnhekk l-appellanti jagħmlu riferiment għas-subartikolu 70A(3) tal-Kap. 387 u jispjegaw kif il-punt ta' liġi jilħaq kull wieħed mill-erba' kweżiti. B'hekk l-appellanti qegħdin jitolbu lil din il-Qorti sabiex ma terġax tibgħat lura l-atti lit-Tribunal għal deċiżjoni finali, iżda tiddeċiedi hi l-każ billi tistrieħ biss fuq il-provi li ressqu huma u hawnhekk jagħmlu talba dwar kif għandha tingħata d-deċiżjoni.

14. F'dan l-istadju jkun opportun li l-Qorti teżamina dak li ġie deċiż mit-Tribunal bil-għan li tindaga aktar fil-fond dwar l-allegata kwistjoni ta' punt ta' liġi li allegatament ittieħdet deċiżjoni dwarha mill-istess Tribunal. Taħt it-Taqsima B tal-lodo arbitrali, it-Tribunal spjega li d-digriet tat-3 ta' April, 2014, wara li *prima facie* kien jidher li s-soċjetà appellata donnha kienet tilfet l-interess fil-proċeduri, iżda ma kienx ifisser li d-digriet kien l-aħħar kelma, għaliex saħansitra s-soċjetà appellata ma kinitx preżenti dakinhar u setgħet tqum kwistjoni dwar id-dritt fundamentali tagħha għal smigħ xieraq. It-Tribunal spjega li huwa kellu l-obbligu li jiżen sewwa ċ-ċirkostanzi fl-isfond tal-interessi konfliġġenti tal-partijiet u jasal għal ġudizzju li jkun fl-aħjar interess

tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja. Dan kien l-iskop tad-digriet tiegħu tat-13 ta' Awwissu, 2015. It-Tribunal iddikjara li l-formaliżmu proċedurali riġidu ma kellux jitħalla jiddomina fuq is-sostanza tal-litiġju quddiemu, meta dan seta' jkollu riperkussjonijiet tassew serji fuq id-drittijiet patrimonjali u dawk fundamentali tas-soċjetà appellata li rnexxielha tegħleb id-diffikultajiet tagħha u tirregola ruħha billi ġiet konformi mal-kondizzjonijiet tad-digriet.

15. Il-Qorti tagħraf li hawnhekk it-Tribunal ma ddeċieda l-ebda punt ta' liġi. Id-deċiżjoni tiegħu kienet tirrigwarda jekk għandux jiġi revokat *contrario imperio* d-digriet tiegħu tat-3 ta' April, 2014, fid-dawl taċ-ċirkostanzi kollha li huwa spjega fid-dettall, u mhux jekk setax jiġi hekk revokat meħud inkonsiderazzjoni dak li jipprovdu d-dispożizzjonijiet tal-liġi. Dan minkejja l-fatt ukoll li din il-Qorti tirrileva li l-prinċipji legali li qed jistrieħu fuqhom l-appellanti fir-rigward ta' digrieti interlokutorji, u konsegwentement l-interpretazzjoni li qed jagħmlu tas-subartikolu 44(10) u tas-subartikolu 71B(3) tal-Kap. 378, huma żbaljati. L-insenjament ta' dawn il-Qrati huwa spjegat sew fis-sentenza fl-ismijiet **Philip O. Gatt pro et noe *vs.* Adrian Busietta pro et noe**.[1]

16. Għaldaqstant peress li l-appellanti f'din l-ewwel parti tal-appell tagħhom naqsu milli jiddentifikaw l-punt ta' liġi li dwaru qegħdin jitolbu deċiżjoni, din il-Qorti tiċħad it-talba tagħhom għal deċiżjoni kif imressqa minnhom.

[1] P.A., 09.05.2002, Ċit. Nru. 133/01JRM.

**<u>It-tieni punt ta' liġi</u>**

17. L-appellanti jispjegaw kif ġej it-tieni punt ta' liġi li skont huma saret interpretazzjoni ħażina tiegħu:

> *"ii. Mingħajr preġudizzju u b'mod sussidjarju għall-appell fuq il-punt ta' liġi preċedenti, il-punt deċiż mill-Arbitru (taħt Taqsima C) illi bl-applikazzjoni tal-Art. 993 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, l-*proviso *taħt il-klawsola 6.1 tal-kuntratt għandu jiġi interpretat b'mod illi jeżonera lill-attriċi u li jiġġustifika t-tardività u l-adempjenza tagħha mad-*deadlines *kuntrattwali".*

18. Hawnhekk għal darb'oħra mhux ċar liema huwa l-punt ta' liġi li dwaru l-appellanti qegħdin jitolbu deċiżjoni minn din il-Qorti. L-appellanti jissottomettu li t-Tribunal wasal għall-konklużjoni tat-Taqsima C tad-deċiżjoni tiegħu b'applikazzjoni ħażina u interpretazzjoni żbaljata tal-artikolu 993 tal-Kap. 16 meta ddeċieda li l-Perit Joseph Zammit mexa *"b'atteġġjament formalistiku riġidu"* flok bl-ekwità. L-appellanti jispjegaw skont it-Tribunal li l-Perit ma kellux joqgħod biss fuq rikjesti bil-miktub, iżda wkoll fuq dawk magħmula verbalment li allegatament is-soċjetà appellata kienet tagħmel minn żmien għal żmien. Filwaqt li jiċċitaw silta mil-lodo arbitrali fejn it-Tribunal ikkunsidra dak li jipprovdu għalihom l-artikolu 992 u l-artikolu 993 tal-Kap. 16 u fejn osserva dak li ntqal mix-xhieda Daniel Farrugia, Martin Cilia u Aldo Busuttil fid-dawl tal-prova li nġabet mill-istatistika tal-MET Office kif tirriżulta f'Dok. DF7, l-appellanti irrilevaw li t-Tribunal kien iddikjara li l-Perit ma kienx mexa b'mod imparzjali u li l-operat tiegħu ma kienx wieħed li seta' jiġi approvat minnu. L-appellanti mbagħad jgħaddu sabiex b'riferiment għall-provi jidentifikaw diversi raġunijiet li fil-fehma tagħhom kienu juru li r-raġunament

tat-Tribunal wassal sabiex għamel interpretazzjoni u applikazzjoni ħażina tal-artikolu 993 tal-Kap. 16. Ikompli jgħid li l-interpretazzjoni skorretta magħmula mit-Tribunal kellha *domino effect* fuq kwistjonijiet oħra u minn hemm jgħaddu biex jgħidu liema huma dawn il-kwistjonijiet. Jagħlqu billi jissottomettu kif fil-fehma tagħhom din il-Qorti għandha taqta' u tiddeċiedi dan l-appell.

19. It-Tribunal qal hekk fil-lodo arbitrali li jista' fil-qasir jispjega l-ħsieb tiegħu fl-applikazzjoni tal-artikolu 993 tal-Kap. 16:

> *"...Isegwi li kien jinkombi fuq dan il-Perit, la darba deherlu li kellu jaċċetta l-inkarigu li ingħata lilu, li l-istess inkarigu jimplimentah b'imparzjalità maż-żewġ partijiet, kif tirrikjedi l-ġustizzja naturali, kif ukoll jimplimentah bil-bona fidi u b'ekwità, kif jesiġi l-Kodiċi Ċivili fl-artikolu 993."*

20. Il-Qorti tifhem li l-appellanti qegħdin jilmentaw mill-fatt li t-Tribunal ppretenda li l-Perit Zammit kellu jimxi skont l-ekwità b'applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 993 tal-Kap. 16 meta qeda l-inkarigu tiegħu kif kienet tipprovdi għalih il-klawsola 6.1 tal-ftehim ta' bejn il-partijiet, dan meta l-proċedura maqbula bejniethom kienet ġiet espressament maqbula bejniethom permezz tal-istess klawsola. Dan huwa l-qofol tat-tieni ilment imressaq mill-appellanti fir-rigward tal-interpretazzjoni ħażina li allegatament saret mit-Tribunal. Iżda hawnhekk ukoll, għalkemm l-aggravju huwa msejjes fuq l-allegata applikazzjoni skorretta tal-liġi, l-appellanti jonqsu milli jottempora ruħhom ma' dak rikjest mid-dispożizzjonijiet tas-subartikolu 70B(1) billi jidentifikaw l-punt ta' liġi li dwaru hemm bżonn ta' deċiżjoni minn din il-Qorti, u anki x'inhi t-tifsira korretta li skont huma għandha tingħata lil dak il-punt ta' liġi.

21. Is-sottomissjonijiet tal-appellanti fil-parti l-kbira tagħhom jolqtu l-mertu, fejn l-appellanti jressqu l-ilmenti kollha tagħhom fir-rigward tal-mod kif ġew interpretati l-provi mit-Tribunal, xi ħaġa li ma tistax issir skond l-artikolu 70A tal-Kap. 387, fejn id-dritt ta' appell huwa mogħti lill-parti telliefa fuq punt ta' liġi biss. L-appellanti jagħmlu tentattiv dgħajjef hawnhekk sabiex isejsu l-aggravju tagħhom fuq punt ta' liġi billi jallegaw li t-Tribunal għamel interpretazzjoni żbaljata u applikazzjoni ħażina tal-artikolu 993 tal-Kap. 16 kif diġà ngħad, iżda essenzjalment dan jibqa' aggravju fil-mertu.

22. Għalhekk din il-Qorti ma tistax tilqa' din il-parti tal-appell imressaq mill-appellanti.

**<u>It-tielet punt ta' liġi</u>**

23. Qabel ma jagħmlu is-sottomissjonijiet tagħhom fit-tul dwar dan it-tielet punt, l-appellanti fis-suċċint jispjegaw il-punt b'dan il-mod:

> *"iii. Mingħajr preġudizzju u b'mod sussidjarju għall-appell fuq il-punti ta' liġi preċedenti, in-nuqqas ta' relazzjoni ġuridika bejn l-attriċi appellata u l-konvenut nomine appellant **<u>limitatament</u>** in rappreżentanza tal-kooperattiva "Recoop – The Restoration and Conservation Coop. Ltd". Dan il-punt filfatt jikkonsisti fl-ewwel eċċezzjoni mressqa mill-konvenut nomine appellant fid-difiża tiegħu, liema eċċezzjoni ukoll waħda ta' natura preliminari."*

24. L-appellanti jiftħu s-sottomissjonijiet tagħhom billi jiċċitaw dik il-parti tal-lodo arbitrali fejn it-Tribunal iddeċieda li l-Kooperattiva Recoop setgħet tiġi korrettement imħarrka mis-soċjetà appellata stante li għalkemm ma kinitx tidher bħala parti fuq il-kuntratt tal-21 ta' Diċembru, 2011, fl-obbligazzjonijiet

kummerċjali l-kodebituri huma preżunti obbligati *in solidum* fin-nuqqas ta' ftehim kuntrarju. L-appellanti jsostnu li hawnhekk saret biċ-ċar interpretazzjoni ta' punt ta' dritt b'mod żbaljat. Jispjegaw li sabiex wasal għall-konklużjoni tiegħu t-Tribunal straħ fuq tliet fatturi, iżda dwar dawn huma jissottomettu li l-osservazzjonijiet magħmula mit-Tribunal fir-rigward tagħhom huma korretti. Ikomplu billi jgħidu li t-Tribunal madankollu kien żbaljat fil-mod tal-applikazzjoni ta' dawk it-tliet fatturi u b'hekk huwa wasal għall-konklużjoni erronja li l-Kooperattiva Recoop għandha relazzjoni ġuridika mal-attriċi appellata. L-appellanti jirrilevaw li għalkemm dak li jgħid l-Avukat Max Ganado fil-bran ċitat mit-Tribunal[2] huwa minnu, illum il-materja hija regolata permezz tas-subartikolu 17(3) tat-Tieni Skeda taħt il-Kap. 16. Jgħidu li jsegwi li s-soċjetà appellata kellha dritt li titħallas direttament mingħand il-*joint ventures* u fl-eventwalità li l-assi tagħhom ma jissodisfax id-dritt tagħhom, allura hija kellha dritt sussidjarju li titħallas *in subsidium* mill-promoturi jew amministraturi tal-*joint ventures.* Għalhekk l-appellanta Kooperattiva Recoop ma kellha l-ebda relazzjoni ġuridika mas-soċjetà appellata u din setgħet tinbet biss meta l-istess soċjetà appellata teżawrixxi l-azzjoni diretta tagħha kontra l-*joint ventures* u ma tissodisfax id-drittijiet tagħha mill-patrimonju tagħhom. Jissottomettu l-appellanti li ma kienx applikabbli s-subartikolu 115(1) tal-Kap. 13 kif invokat mit-Tribunal għaliex (i) il-Kooperattiva Recoop ma tistax titqies bħala kodebitur fil-ftehim tal-21 ta' Diċembru, 2011; u (ii) il-presunzjoni hija waħda *iuris tantum* u mhux *iuris et de iure.* Jispjegaw li l-klawsola rigwardanti l-*joint and several liability* fil-*joint venture agreements* kif invokata mit-Tribunal, kienet tirrigwarda biss ir-responsabbilitajiet *in solidum* tat-tliet partijiet a favur

[2] "An introduction to Maltese Financial Services Law".

id-Dipartiment tal-Kuntratti u mhux a favur xi sub-appaltatur tagħhom. Lanqas ma jista' jingħad illi l-prassi tal-banek li kull fejn ikun hemm sekwestru li jaffettwa *joint venture*, il-partijiet kollha ta' dik il-*joint venture* jispiċċaw ikollhom il-kontijiet tagħhom imblukkati mill-banek, awtomatikament toħloq xi relazzjoni kuntrattwali bejn xi parti minn dik il-*joint venture* u s-sekwestrant. L-appellanti jirrilevaw li l-ftehim tal-21 ta' Diċembru, 2011, indikat mis-soċjetà appellata fl-i*statement of claim* bħala *"the contract out of which, or the defined legal relationship in respect to which, the dispute arises"*, kien ġie ffirmat biss minn Paul Muscat għan-nom u in rappreżentanza ta' *Confirma Joint Venture* u *Caravaggio Joint Venture*.

25. Is-soċjetà appellata twieġeb għall-ilment tal-appellanti li t-Tribunal applika skorrettament l-artikolu 115 tal-Kap. 13, billi tgħid li l-iskritturi li permezz tagħhom il-*joint ventures* ġew iffurmati ma kien fihom l-ebda klawsola li tipprovdi kontra l-obbligazzjoni *in solidum.*

26. It-Tribunal filwaqt li għaraf li l-Kooperattiva Recoop ma kinitx tidher bħala parti fil-ftehim li ġie ffirmat bejn il-partijiet, hija kienet tagħmel parti miż-żewġ *joint ventures* li ġew imħarrka fl-arbitraġġ odjern. Jispjega dan b'riferiment għad-dokumenti PM1 u PM2 li huma ż-żewġ *memoranda of agreement* iffirmati f'Marzu 2009 u li permezz tagħhom ġew ikkostitwiti l-imsemmija *joint ventures* fejn it-tliet partijiet firmatarji kienu żewġ soċjetajiet reġistrati fl-Italja u l-istess Kooperattiva Recoop. Jgħid li dawn iż-żewġ *joint ventures* ma kinux ġew reġistrati mal-Awtoritajiet Maltin u għalhekk ma kinux persuni ġuridiċi iżda kienu jgawdu minn setgħat legali limitati, fosthom li għandhom il-fakoltà li jħarrku f'isimhom u li jiġu mħarrka f'isimhom, u anki li

jkunu parti f'kuntratt f'isimhom stess. It-Tribunal jaċċenna għal dak li *inter alia* ddikjaraw fil-ftehim ta' bejniethom it-tliet partijiet fil-konfront tad-Dipartiment tal-Kuntratti:

> *"__**Joint and Several Liability**__ - The Three Parties shall be jointly and severally bound to the employer for the fulfilment of the terms of the Contracts. Nevertheless each of the Three Parties shall separately hold harmless and indemnify the other Parties of the Joint Venture for any liability to be sustained by such other parties in terms of the Contracts as a result of any fault or default attributable to a specific party (fn. 6 Ara Klawsola 8 fid-dok. PM1 Klawsola 9 fid-dok. PM2*).".

Filwaqt illi jagħmel riferiment għall-verbal magħmul fis-seduta tad-19 ta' Frar, 2014 mill-avukat difensur tal-appellanti, li l-*"prassi tal-banek li kull fejn ikun hemm sekwestru li jaffetwa joint venture, il-partijiet kollha ta' dik il-joint venture jispiċċaw ikollhom l-kontijiet tagħhom imblukkati mill-banek",* it-Tribunal irrileva li d-dikjarazzjoni magħmula fil-paragrafu fil-ftehim appena ċitat u din il-prassi kienu jidhru li huma konformi mal-pożizzjoni legali espressa fil-ktieb "An introduction to Maltese Financial Services Law"[3] li magħha huwa kien jaqbel. Jgħid li għalkemm kien minnu li l-Kooperattiva Recoop ma kinitx tagħmel parti mill-kuntratt tal-21 ta' Diċembru, 2011, imma wieħed kellu jiftakar li fl-obbligazzjonijiet kummerċjali, fin-nuqqas ta' ftehim kuntrarju, il-kodebituri huma preżunti obbligati *in solidum.* B'hekk it-Tribunal iddeċieda li hemm relazzjoni ġuridika bejn is-soċjetà appellata u l-Kooperattiva Recoop u t-talba sabiex din tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju ma setgħetx tintlaqa'.

27. Dan l-ilment tal-appellanti forsi huwa l-aktar wieħed li joħroġ ċar fost it-tlieta li ressqu quddiem din il-Qorti għal deċiżjoni tagħha. Iżda għalkemm

[3] Miktub mill-Avukat Max Ganado.

isostnu li *"...hawnhekk* si tratta *ta' interpretazzjoni ta' punt ta' dritt illi hija b'mod ċar żbaljata"* u *"...illi lanqas ma jista' japplika l-Artikolu 115(1) tal-Kap. 13 tal-Liġijiet ta' Malta, invokat mill-Arbitru...",* jonqsu milli jgħidu b'mod li jinftiehem mill-ewwel x'inhi t-tifsira allegatament tajba tal-punt ta' liġi li qed isostnu li ġie interpretat b'mod ħażin mit-Tribunal. Huma hawnhekk jagħtu żewġ raġunijiet għal dak li qegħdin jallegaw: (i) il-Kooperattiva Recoop ma tistax titqies bħala kodebitur mal-*joint ventures* kif kien intenzjonat mill-leġiżlatur fejn ikollok żewġ persuni jew iżjed flimkien li jidhru u li jidħlu għal ftehim kummerċjali ma' persuna oħra; u (ii) il-presunzjoni hija *iuris tantum* u mhux *iuris et de iure,* u l-ftehim tal-21 ta' Diċembru, 2011 bl-ebda mod ma kien juri li l-Kooperattiva Recoop għandha xi responsabbilità *in solidum* mal-*joint ventures* l-oħra favur is-soċjetà appellata u l-istess jgħid fir-rigward iż-żewġ kuntratti li permezz tagħhom seħħew l-*Caravaggio Joint Venture* u l-*Confirma Joint Venture*. Minn dan kollu l-Qorti tifhem li t-tifsira li l-appellant qed jagħti lis-subartikolu 115(1) tal-Kap. 13 hija li m'hemm l-ebda obbligazzjoni *in solidum* fejn din mhiex indikata.

28. Jekk din il-Qorti tqis dak li jiddisponi għalih il-paragrafu (a) tas-subartikolu 70A(3) tal-Kap. 387, issib li dan il-punt ta' liġi li dwaru l-appellanti qegħdin jitolbu deċiżjoni minnha, bla dubju jkollu effett sostanzjalment fuq id-drittijiet tagħhom u anki fuq dawk tas-soċjetà appellanti. Ir-relazzjoni ġuridika *o meno* ta' bejn il-Kooperattiva Recoop u s-soċjetà appellata għandha l-effett li teħles lill-Kooperattiva Recoop mill-obbligu tal-ħlas għas-servizzi reżi mis-soċjetà appellata jew li żżommha responsabbli, sew jekk għas-somma kollha pretiża jew parti minnha. Għalhekk l-ewwel rekwiżit li jitlob il-paragrafu (a)

tas-subartikolu 70A(3) tal-Kap. 387 jinsab sodisfatt. It-tieni rekwiżit ukoll jinsab sodisfatt għaliex kien proprju bl-applikazzjoni tas-subartikolu 115(1) tal-Kap. 13 li t-Tribunal wasal għad-deċiżjoni li l-Kooperattiva Recoop ma tistax tinħeles mill-osservanza tal-ġudizzju. Iżda din il-Qorti ma tistax tqis li t-tielet rekwiżit tal-paragrafu (ċ) tas-subartikolu 70A(3) tal-Kap. 387 huwa sodisfatt, għaliex mill-ewwel tgħid li l-fatti li straħ fuqhom it-Tribunal fid-deċiżjoni tiegħu ma jagħtu l-ebda lok għal dubju serju *prima facie* dwar il-punt ta' liġi deċiż mill-istess Tribunal. It-Tribunal sewwa għamel meta straħ fuq il-kuntratt li sar fil-21 ta' Diċembru, 2011, bejn is-soċjetà appellata u Paul Muscat għan-nom u in rappreżentanza ta' *Confirma Joint Venture* u ta' *Caravaggio Joint Venture,* kif debitament awtorizzat, għaliex kien proprju permezz ta' dan il-kuntratt li ġiet stabbilita r-relazzjoni ġuridika bejn il-partijiet. It-Tribunal wasal għal din il-konklużjoni wara li qies ukoll (a) iż-żewġ kuntratti esebiti minn Paul Muscat bħala 'PM1' u 'PM2', li permezz tagħhom inħolqu dawk iż-żewġ *joint ventures* bejn tliet partijiet firmatarji li huma l-istess Kooperattiva Recoop, il-*Cooperativa Archeologia* u l-*Consorzio Toscano Cooperative – CTC Soc. Coop*; (b) li skont ix-xhieda tal-istess Paul Muscat mogħtija fis-seduta tal-4 ta' Frar, 2015, a *fol.* 2 dawn ma kinux ġew reġistrati mal-Awtoritajiet Maltin. Fid-dawl tal-fatt li t-Tribunal sewwa stabbilixxa li ż-żewġ *joint ventures* ma kellhom l-ebda *"...personalità ġuridika distinta u separata mill-partijiet li ħolquhom"* u fin-nuqqas ta' ftehim li permezz tiegħu ġiet eskluża s-solidarjetà fl-obbligazzjonijiet ma' terzi, din il-Qorti ma tistax issib li d-deċiżjoni tat-Tribunal dwar il-punt ta' liġi inkwistjoni, *prima facie* ħalliet dubju serju.

29. Stante li kif diġà ngħad, ir-rekwiżiti imposti mis-subartikolu 70A(3) tal-Kap. 387 huma kumulattivi u ġaladarba jonqos it-tielet rekwiżit neċessarju sabiex jirnexxi l-appell tal-appellanti, din il-Qorti ma tistax tilqa' dan it-tielet ilment tagħhom.

## Decide

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti tiddeċiedi dwar l-appell tal-appellanti billi tiċħdu, filwaqt li tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż tal-proċeduri fl-ewwel istanza jibqgħu kif deċiżi mit-Tribunal, u dawk tal-appell odjern jitħallsu mill-appellanti.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**